MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1259/2005

**AG Design Group Limited (C-30841)**
**vs**
**Eric Cefai (ID 213878M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm531.00), u fejn intqal :**
**Illi s-socjeta` attrici giet inkarigata taghmel xoghol ta' disinn tal-faccata, u kif ukoll tan-naha ta' gewwa ta' appartamenti fil-Gzira proprjeta` tal-konvenut.**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi kemm biex jigbor id-disinni u wkoll sabiex ihallas ghall-istess.**
**Illi l-konvenut baqa' inadempjenti.**
**Illi minhabba fl-inadempjenza tal-konvenut l-imsemmija disinni gew depositati permezz tac-cedola**

**numru 699/05 debitament notifikata lill-konvenut (Dok.A anness mal-avviz).**
**Illi l-hlas ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm531.00) dovuti ghax-xoghol ghadu dovut nonostante l-interpellazzjoni b'ittra ufficjali numru 3910/05 (Dok.B).**
**Ghalhekk kellha ssir di nit-talba ghall-hlas ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm531.00).**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Lulju, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi fl-ewwel lok ix-xoghol li gie ordnat mill-konvenut ma giex ikkonsenjat.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-oggetti depozitati ma jirriflettux l-izvilupp li kellu jsir da parti tal-konvenut.**
**iii. B'riserva ghal kull eccezzjoni ohra skond il-Ligi.**
**Semgha x-xhieda ta' Edward Zammit, Guido Mizzi, Eric Cefai, Vince Cefai u Mary Cefai. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jitlob hlas ghal xoghol ta' disinn tal-faccata, u kif ukoll tan-naha ta' gewwa ta' appartamenti fil-Gzira proprjeta` tal-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu jghid li x-xoghol ma giex ikkonsenjat, u li x-xoghol ma irriflettiex l-izvilupp li kellu jsir da parti tal-konvenut.**
**2. Edward Zammit, Direttur tas-socjeta` attrici xehed li fid-29 t'otturbu, 2004, il-konvenut flimkien mal-genituri tieghu marru l-ufficju biex jordnaw ix-xoghol. Skond Zammit ix-xoghol kien jinvolvi artist's impression tal-izvilupp li kien qed isir u disinn tal-appartamenti. Saret quotation, Dok.A, li giet mghoddija lill-konvenut fit-8 ta' Novembru, 2004. L-artist's impression tista tintuza fuq billboard, fuq l-internet, u f'diversi modi ohra. Skond Zammit sar diskors fis-sens li din tintuza fuq billboard.**

**3. Jirrizulta mid-Doc.C, li hu e-mail datat 15 ta' Novembru, 2004, li Cefai awtorizza lis-socjeta` attrici sabiex tipprocedi fuq l-artist's design. Ghal dan kien inghata quotation ta' erba' mija u hamsin lira (Lm450.00). Kien sar ukoll xoghol fuq il-layout plans tal-appartamenti. Kien hemm kuntatt mal-konvenut, u fejn ried modifikazzjonijiet, dawn saru. Meta tlesta x-xoghol il-konvenut gie infurmat biex imur jigbru. Kien cempel David Cefai, hu l-konvenut, biex imur jigbor ix-xoghol, pero` baqa' ma gabarx l-artist's impression u lanqas il-layout plans, li ghalhekk gew depozitati fil-Qorti.**

**4. Guido Mizzi, managing director mas-socjeta` attrici, jikkonferma dak li qal siehbu Zammit. Huwa spjega li b'layout tal-post wiehed ried ifisser kif kien ser jidher imqassam l-appartament, filwaqt li artist's impression kienet tikkoncerna dwar kif kienet ser tidher il-faccata. Mizzi spjega li ghalkemm jista' jkun li ssemma billboard huma ma jaghmlux dawn. Skond Mizzi wara li ma gabarx ix-xoghol, il-konvenut kien ilmenta fuq il-prezz.**

**5. L-ilment li gab il-konvenut huwa indikat bic-car f-email mibghut lis-socjeta` attrici fl-4 ta' Dicembru, 2005, Dok.EC1, fejn jintqal illi «….our reason for referring to your company for design works was for you to provide us with a billboard which had to be attached to the facade. »**

**6. Fil-fatt il-konvenut jammetti li kien tkellem ma' Zammjit biex isir ix-xoghol in kwistjoni, pero` jinsisti li qalulu li riedu billboard. Jghid ukoll : « Bghatilna l-artist's impression u ahna accettajniha u dan bil-prezz ta' Lm450.00 minghajr vAT, u ahna konna qeghdin bil-hsieb li din tinkludi billboard. »**

**7. Cefai jghid li sussegwentement, Zammit infurmah li l-billboard kienet tiswa mitejn u sebghin lira (Lm270.00) ohra. Jghid ukoll li sab li l-qisien ma kienux tajbin peress li l-atturi ma marrux ikejlu izda qaghdu fuq il-pjanti tal-perit, u ghalhekk ma setgux juzawhom.**

**8. Missier il-konvenut, Vince Cefai, jikkonferma li huma riedu billboard, u ghalhekk kienu marru ghand is-socjeta` attrici. Omm il-konvenut, Mary Cefai,**

tispjega li huma riedu juru kif ser jigu l-appartamenti, u tikkonferma li lil Zammit qalulu li riedu billboard.

9. Mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li meta sar l-ordni mas-socjeta` attrici, inghatat quotation li giet accettata mill-konvenut. L-e-mail tat-8 ta' Novembru, 2004, Dok.A isemmi specifikatament « design of the layout of two sample apartments on the first floor, including placement of furniture and other fic\xtures », kif ukoll : « Preparation of artist's impression of the facade to include colour scheme. » Billboard ma jissemmiex. Tali quotation giet accetata skond ma jirrizulta mill-e-mail Dok.C datat 15 ta' Novembru, 2005.

10. Ghalhekk fic-cirkostanzi jista jaghti l-kaz li l-konvenut kien taht l-impressjoni li ser issir billboard, pero` dan qatt ma jidher li gie specifikat. Il-konvenut seta jispecifika dan fid-Dok.C, haga li mghamilx. Dak li qed jallega il-konvenut dwar li x-xoghol ma sarx sew, ma jirrizultax. Ghalhekk il-hlas huwa dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm531.00), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------